MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Talba Numru. 125/2003

**Western Company Limited**

**Vs**

**Mahmoud Zinou u Consiglia Debono Zinou**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm335.58) hlas ta' diversi kambjali kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn April 2002 u Dicembru 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuti ma pprezentawx risposta.

Ra li fis-seduta tat-28 ta' Frar 2003 is-socjeta attrici rrinunzjat ghall-meritu u zammet ferm l-imghax u l-kap ta' l-ispejjez.

Semgha x-xhieda ta' Charles Bianco li huwa direttur tas-socjeta attrici.

Ra li l-konvenuti ma ressqux provi.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-meritu stante hlas fil-mori, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------